MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 9/2005

**Avviz numru 9/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Carmel sive Charles u Rita konjugi Micallef (ID 392664 M u 157466 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ elf, seba’ mija u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,760.93) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2166 4021, 2182 3265 u 2180 2814 dana skond ma kif jidher mid-dokumenti annessi ma’ l-Avviz u mmarkati Dok A, B, C, D, E, u F.

Bl-ispejjez tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ammettew it-talba attrici permezz ta' dikjarazzjoni fl-Awla maghmula mill-konvenut Carmel  Micallef, u konsegwentement it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, seba' mija u sittin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1, 760. 93) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Jannar, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------